C/2026/3001

2.6.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/3001)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Bonnezeaux"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0926-AM04 — 16.3.2026

1. **Isem il-prodott**

"Bonnezeaux"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intrapriżi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif definiti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għall-emenda tad-DOP Bonnezeaux ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament, ma:

(a) tinkludix tibdil fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti identifikati mill-indikazzjoni ġeografika;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Tikkettar

Deskrizzjoni

Il-grupp ta' produtturi għad-DOP Bonnezeaux iddeċieda li juża unità ġeografika akbar għad-denominazzjoni tal-inbejjed, u għażel it-terminu "Vin de Loire" ("Inbid tal-Loire") minflok "Val de Loire" ("Wied tal-Loire").

Dan l-iżvilupp isegwi l-linji gwida dwar il-komunikazzjoni adottati mill-produtturi tal-inbejjed tal-Loire.

L-għan huwa li l-identità ssir aktar ċara u tiġi allinjata aktar mill-qrib mar-realtà tal-inbejjed li jagħmlu l-produtturi fil-baċir tal-Loire.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbejjed

"Bonnezeaux"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0926-AM04 — 16.3.2026

1. **Isem/Ismijiet**

"Bonnezeaux"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

-

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Dawn huma nbejjed bojod bla gass minn għeneb li jinħasad meta jkun sar iżżejjed (konċentrazzjoni naturali fuq id-dielja, bil-moffa nobbli jew mingħajrha). Generalment ikollhom lewn dehbi ċar b'xi sfumaturi fl-aħdar.

Aroma

Il-ħlewwa kbira tagħhom, li hija kkawżata minn kontenut għoli ta' zokkor fermentabbli, hija kkombinata ma' togħma ta' frott ħafna drabi kumplessa (frott imqadded, frott eżotiku, fjuri bojod, eċċ.).

Togħma

Il-bilanċ bejn l-aċidità, l-alkoħol u s-sensazzjoni żejtnija fil-palat jippermetti li l-inbejjed isiru aktar kumplessi matul is-snin. Dawn l-inbejjed huma apprezzati għall-qawwa tagħhom.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	f'millekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	25
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed għandhom: qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum ta' 15 %; kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju), wara l-fermentazzjoni, ta' mill-inqas 51 gramma għal kull litru. L-inbejjed b'qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' inqas minn 18 % għandhom, wara l-fermentazzjoni, qawwa alkoħolika effettiva minima skont il-volum ta' 11 %. Il-kontenut totali ta' aċidu u l-kontenut totali ta' diossidu tal-kubrit huma kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

L-arrikkiment huwa awtorizzat skont ir-regoli stipulati fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-użu ta' laqx tal-injam huwa pprojbit. L-inbejjed iridu jitqaddmu mill-inqas sal-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara l-ħsad. Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, il-prattiki enoloġiċi li jirrigwardaw dawn l-inbejjed iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-UE kif ukoll fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Densità

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 000 pjanta għal kull ettaru. L-ispazju bejn il-flanni tad-dwieli ma jridx ikun aktar minn 2,50 metri, u l-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann irid ikun mill-inqas 0,90 metru. Id-denominazzjoni ta' oriġini protetta tista' tintuża għall-ħsad tal-irqajja' tal-vinji fejn l-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann ikun inqas minn 0,90 metru iżda mhux inqas minn 0,80 metru u fejn l-inklinazzjoni tkun ta' aktar minn 10 %. Fil-każ ta' rqajja' tal-vinji b'densità ta' tħawwil ta' mill-inqas 3 300 pjanta iżda inqas minn 4 000 pjanta għal kull ettaru, il-ħsad huwa eliġibbli għad-denominazzjoni ta' oriġini protetta, dment li jkun konformi mar-regoli dwar it-tħarriġ fuq il-kannizzati u l-għoli tal-faxxina stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-ispazju bejn il-flanni tad-dwieli ma jistax ikun aktar minn 3 metri u l-ispazju bejn il-pjanti fl-istess flann trid tkun mill-inqas ta' metru.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Żbir

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

Id-dwieli jinżabru b'massimu ta' 12-il għajn għal kull pjanta, bil-metodu taż-żbir taz-zkuk, żbir li jħalli rimjiet qosra, jew żbir imħallat. Fl-istadju fenoloġiku li jikkorrispondi għal 11 jew 12-il werqa (għejun separati), in-numru ta' friegħi li jagħtu l-frott għas-sena għal kull pjanta ma għandux jaqbeż l-għaxra.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

~~Ħsad~~

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

L-għeneb jinħasad bl-idejn bi ħsad selettiv suċċessiv.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Irrigazzjoni

Tip ta' prattika enoloġika

Metodu tal-kultivazzjoni

Deskrizzjoni

L-irrigazzjoni ma hijiex permessa.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed bojod

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	30
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitri għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Chenin B

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

1. *Żona ġeografika*

L-istadji kollha tal-produzzjoni jsiru fiż-żona ġeografika li tinkludi fiha l-muniċipalità li ġejja tad-dipartiment ta' Maine-et-Loire abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2021: Bellevigne-en-Layon (it-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Thouarcé biss).

Mapep li juru ż-żona ġeografika jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

1. Informazzjoni dwar iż-żona ġeografika

a) Deskrizzjoni tal-fatturi naturali rilevanti għar-rabta

Iż-żona ġeografika tinsab fil-qalba tar-reġjun tal-vitikultura ta' Anjou u fl-2021 ġiet limitata għall-muniċipalità delegata ta' Thouarcé biss. Din il-muniċipalità tinsab fid-dipartiment ta' Maine-et-Loire u t-territorju tagħha huwa maqsum mix-Xmara Layon. Ir-raħal żgħir ta' Bonnezeaux jinsab fl-għoli, fuq għolja wieqfa fuq ix-xatt tal-lemin tax-xmara. L-isem "Bonnezeaux" jidher li jirreferi għas-sorsi ta' ilma ferruġinuż. Il-vinji jikbru fuq tliet għoljiet li jinsabu maġenb xulxin u jħarsu lejn il-Lbiċ. Dawn jissejħu "La Montagne", "Beauregard" u "Fesles" u jiffurmaw medda ta' art twila 2 800 metru u wiesgħa 500 metru. Dawn l-għoljiet għandhom inklinazzjoni ta' madwar 15 % sa 20 %. L-inklinazzjoni hija partikolarment qawwija fin-naħa tal-Punent ta' Beauregard u fl-għolja tan-nofs, li ngħatat kif xieraq l-isem "La Montagne", li tibda qrib ir-raħal żgħir ta' Petit Bonnezeaux. Fit-Tramuntana ta' dawn it-tliet għoljiet definiti hemm medda art kbira kemxejn immewġa, b'altitudni medja ta' 90 metru. Ix-Xmara ta' Layon tinsab f'altitudni ta' 29 metru. Is-sottostrat ġeoloġiku jappartjeni għas-serje ta' Saint-Georges-sur-Loire, li huwa kumpless magħmul minn schist u blat ramli li jmur lura għall-perjodu Ordoviċjan ta' fuq sal-perjodu Devonjan ta' taħt. Xi kultant huwa mgħotti b'formazzjonijiet ta' xaħx u tafal jew ramel u tafal tas-Senomanjan, b'mod partikolari fuq l-għolja ta' Fesles. L-erożjoni esponiet il-bażi tal-lavanja, filwaqt li r-ramel u t-tafal baqgħu fuq l-għoljiet ta' wara u fuq il-plateau. Bħala konsegwenza, l-irqajja' li huma definiti b'mod preċiż għall-ħsad tal-għeneb huma pjuttost baxxi u rikki ħafna fi frammenti ħoxnin. Il-kulur tagħhom huwa griż jagħti fl-aħdar u kultant jixbah kulur in-naqal tal-inbid. Għandhom riżervi tal-ilma taħt il-100 mm u għandhom kapaċità ta' skular eċċellenti. Iż-żona ġeografika għandha klima oċeanika attenwata u xita limitata. Issib kenn min-nida tal-baħar mill-għoljiet aktar fl-għoli ta' Choletais u Mauges. F'ċerti postijiet, l-għoljiet huma esposti għall-irjieħ dominanti li ġejjin mil-Lbiċ u mill-Punent. L-ammont annwali ta' xita li tinżel huwa ta' madwar 550 mm sa 600 mm, meta mqabbel ma' 800 mm fl-għoljiet ta' Choletais u ta' Mauges. Ix-xita li tinżel fuq id-dielja matul iċ-ċiklu veġetattiv hija ta' madwar 100 mm inqas mill-medja tad-dipartiment. Il-flora tipika tan-Nofsinhar tikber speċifikament fuq dawn l-għoljiet minħabba n-nixfa relattiva u t-temperaturi li huma ogħla minn dawk taż-żoni tal-madwar.

b) Deskrizzjoni tal-fatturi umani li huma rilevanti għar-rabta ġeografika

Il-varjetà Chenin B, li probabbilment toriġina mir-reġjun ta' Anjou, sabet pożizzjoni mill-aqwa f'Bonnezeaux. Din hija varjetà b'saħħitha li tesprimi l-potenzjal tagħha f'sitwazzjonijiet fejn il-kundizzjonijiet tal-ħamrija jkunu diffiċli. Il-produtturi malajr għarfu l-benefiċċji tal-ħsad tardiv ta' din il-varjetà bl-użu ta' tekniki speċifiċi. Il-Konti Odart kiteb dan li ġej fit-trattat "Traité des cépages" tiegħu tal-1845 dwar id-dwieli: "Għandna nżidu wkoll il-kundizzjoni li l-ħsad ma għandux isir qabel żmien Jum il-Qaddisin Kollha, meta l-għeneb ikun sar iżżejjed u l-qoxra tiegħu tkun swiedet wara li tkun irtabet bix-xita." Fi kliem ieħor, il-ħsad tardiv huwa tipiku. Fix-xogħol tiegħu tal-1816 "Topographie de tous les vignobles connus", Jullien innota li: "Għall-vendemmji tajbin, dawk li jaqtgħu l-għeneb jgħaddu mid-dwieli bosta drabi; l-għeneb maqtugħ fl-ewwel żewġ ħsadijiet jintuża biss għall-aktar inbejjed maturi, jipprovdu l-inbejjed għall-esportazzjoni, u l-għeneb mit-tielet ħsad jintuża għal inbejjed għall-konsum domestiku." Bħala riżultat tas-sejbiet u l-analiżijiet li saru minn bosta ġenerazzjonijiet ta' produtturi, l-inbejjed Bonnezeaux issa jikklassifikaw fost l-ifjen ta' Anjou. Biex nikkwotaw mit-traduzzjoni bil-Franċiż, bit-titolu "Nouvelle Géographie Universelle", (ta' A New

Geographical, Historical, and Commercial Grammar) tal-ġeografu Brittaniku William Guthrie (1708–1770), li ġiet ippubblikata fl-1802: "L-inbejjed ta' Anjou jistgħu jinqasmu fi tliet klassijiet. Dawk tal-ewwel klassi jiġu mill-irħula ta' Faye, Saint-Lambert, Rablé, Maligny, Chavagne u Thouarcé, fejn jinsabu l-vinji ta' Bonnezeaux." Saru għadd ta' referenzi għal dawn il-vinji ta' prestiġju minn dak iż-żmien 'l hawn. Il-kriżi tal-fillossera xekklet bil-kbir l-iżvilupp tagħhom, u suq lokali wieħed biss baqa' jirċievi l-provvisti. Permezz tal-isforzi serji mill-għaqda tal-produtturi ta' Bonnezeaux, li riedu jżommu r-rendimenti baxxi u jżommu l-prattika ta' ħsad tal-għeneb f'diversi mogħdijiet, l-inbid l-ewwel għamel ritorn fis-suq Franċiż qabel ma reġa' beda jiġi esportat barra mill-pajjiż. Id-denominazzjoni ta' oriġini kontrollata ta' Bonnezeaux ġiet rikonoxxuta fis-6 ta' Novembru 1951.

2. Informazzjoni dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott

Dawn l-inbejjed huma apprezzati għall-qawwa tagħhom. Il-ħlewwa kbira tagħhom, li hija kkawżata minn kontenut għoli ta' zokkor fermentabbli, hija kkombinata ma' togħma ta' frott li spiss tkun kumplessa (frott imqadded, frott eżotiku, fjuri bojod, eċċ.) u forsi mhux mistennija meta jitqies il-kulur dehbi ġeneralment ċar tal-inbejjed u l-isfumaturi ħodor tagħhom. Il-bilanċ bejn l-aċidità, l-alkoħol u s-sensazzjoni żejtnija fil-palat jippermetti li l-inbejjed isiru aktar kumplessi matul is-snin.

3. Interazzjonijiet kawżali

Dawn il-vinji, bl-għoljiet weqfin li jħarsu lejn il-Lbiċ u l-ħamrija mhux fonda u ġeblija bi proprjetajiet termali eċċezzjonali, jiffavorixxu t-tkabbir bikri u l-maturazzjoni tal-varjetà Chenin B. Minħabba l-irjieħ prevalenti li jonfħu fuq l-għoljiet u l-provvista ta' ilma baxxa ħafna tad-dwieli li jikbru fuq ħamrija skeletali, l-għeneb jiġi kkonċentrat fuq id-dielja permezz tat-tidbil jew it-tnixxif tipiku ta' dawn il-vinji. Il-produtturi rnexxielhom japprofittaw minn din il-karatteristika partikolari. Ir-rendimenti baxxi ħafna juru l-impenn tal-produtturi lejn il-kwalità tal-għeneb. L-inbejjed Bonnezeaux igawdu minn reputazzjoni tajba minħabba l-ħsad tardiv tal-għenba Chenin B fuq dawn l-għoljiet, li jsir fi ħsad selettiv suċċessiv sabiex jintgħażel għeneb misjur ħafna. L-istorja u l-fama tal-inbejjed Bonnezeaux huma marbuta mill-qrib ma' dawk tal-inbejjed Anjou u Coteaux du Layon.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Żona fil-prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-prossimità immedjata, definita bid-deroga għall-vitikultura, il-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-inbid, hija rrappreżentata mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-dipartiment ta' Maine-et-Loire, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2021: Aubigné-sur-Layon, Beaulieu-sur-Layon, Bellevigne-en-Layon (it-territorju tal-muniċipalitajiet delegati ta' Champ-sur-Layon, Faveraye-Mâchelles, Faye-d'Anjou u Rablay-sur-Layon biss), Blaison-Saint-Sulpice, Brissac Loire Aubance (it-territorju tal-muniċipalitajiet delegati ta' Alleuds, Brissac-Quincé, Charcé-Saint-Ellier-sur-Aubance, Luigné, Saint-Rémy-la-Varenne, Saint-Saturnin-sur-Loire, Saulgé-l'Hôpital u Vauchrétien biss), Brossay, Chalonnes-sur-Loire, Chaudefonds-sur-Layon, Chemillé-en-Anjou (it-territorju tal-muniċipalitajiet delegati ta' Chanzeaux u Valanjou), Denée, Doué-en-Anjou (it-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Brigné biss), Les Garennes-sur-Loire, Lys-Haut-Layon (it-territorju tal-muniċipalità delegata ta' Tigné biss), Mozé-sur-Louet, Mûrs-Erigné, Rochefort-sur-Loire, Saint-Melaine-sur-Aubance, Savennières, Soulaines-sur-Aubance, Terranjou, Val-du-Layon.

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, iż-żona fil-prossimità immedjata tikkorrispondi għal żona fil-prossimità immedjata taż-żona definita kkonċernata.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Tikkettar: termini fakultattivi

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

It-termini fakultattivi li l-użu tagħhom jista', skont id-dispożizzjonijiet tal-UE, jiġi rregolat mill-Istati Membri, għandhom jinkitbu b'ittri li d-daqs tagħhom ma jridx ikun akbar, fl-għoli, fil-wisa' jew fil-ħxuna, mid-doppju tad-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Tikkettar: id-denominazzjoni ġeografika "Vin de Loire" ("inbid tal-Loire")

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Id-daqs tal-ittri tad-denominazzjoni ġeografika "Vin de Loire" ("inbid tal-Loire") ma jridx ikun akbar, fl-għoli jew fil-wisa', minn żewġ terzi tad-daqs tal-ittri li jifformaw isem id-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga

Tikkettar: unità ġeografika iżgħar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

It-tikkettar tal-inbejjed li jibbenefikaw mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jista' jispeċifika l-isem ta' unità ġeografika iżgħar, bil-kundizzjoni li:

— tkun post irreġistrat;

— tkun tidher fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

L-isem tal-post reġistrat irid ikun stampat b'ittri li d-daqs tagħhom ma jkunx akbar, fl-għoli jew fil-wisa', minn nofs id-daqs tal-ittri li jiffurmaw isem id-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-c7e177a3-79d3-4a75-a084-381e48db0fb6